MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 481/2013

**AV**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April elfejn u tmienja (2008) (Certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok 'A');

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunujoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Rachel Mallia fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) (kopja annessa u markata bhala Dok 'B');

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin fis-sens li mhux bhala koppja mizzewwga, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Joanne Falzon bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu that kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha tikkonferma :

Illi allavolja in principju hija ma ssib l-ebda oggezzjoni li l-partijiet jinghataw id-divorzju, mhuwiex minnu li ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament, u bhala fatt ghaddew inqas minn (3) tlett snin mid-data minn mindu l-koppja ilhom jghixu separatament;

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qed jigi dikjarat mir-rikorrent fir-rikors tieghu, ma jezistux l-elementi kollha kif rikjesti mill-ligi sabiex il-partijiet jinghataw id-divorzju, u t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti ma irnexxielux jissodisfa wiehed mir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u cioe' ir-rekwizit illi l-partijiet ikunu ghexu separatament minn xulxin, jigifieri mhux bhala koppja mizzewga ghal mill-anqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-26 ta' Lulju 2011;

Illi ir-rikorrenti xehed illi l-partijiet kienu ilhom ma ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom bhala koppja mizzewga sa minn Mejju tas-sena 2009, waqt illi l-intimata xehdet illi kienu ilhom ma jkollhom relazzjonijiet bejniethom sa minn Mejju tas-sena 2011;

Illi ghalhekk jirrizulta diskrepanza ta' sentejn, meta wiehed jara ix-xiehda tar-rikorrenti u ix-xiehda tal-intimata;

Illi l-Qorti semghet lir-rikorrenti jixhed fis-sens illi kien qieghed ihallas erba' mitt ewro fix-xahar bhala kera ghall-fond fejn kien qieghed jirrisjedi flimkien mal-intimata;

Illi mhuwiex verosimili illi ir-rikorrenti baqa jghix f'dan l-appartament flimkien mal-intimata, baqa jivversa is-somma ta' erba' mitt ewro fix-xahar bhala kera ghal dan il-fond u fl-istess hin jghix separatament minn mal-intimata. Kif xehed huwa stess huwa telaq mid-dar matrimonjali meta ma felahx aktar ghall-intimata, dejjem skond hu u meta kellu il-mezzi bizzejjed biex ikun jista jghix separatament minn maghha.

Illi huwa ghalhekk kontrasens illi jghid illi ma kellux mezzi biex jghix separatament meta kellu il-mezzi biex ihallas erba' mitt ewro fix-xahar.

Illi ghalhekk hija ferm aktar verosimili ix-xhieda illi tat l-intimata meta qalet illi ir-rikorrenti kien jinsisti illi hi u hu ikollhom x'jaqsmu kulljum u illi l-ahhar darba li kellhom x'jaqsmu flimkien kien jumejn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali f'Mejju tas-sena 2011.

Illi ghalhekk dan ir-rekwizit illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data illi fiha il-koppja ghixu separatament ma giex sodisfatt u konsegwentement u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti qeghda tichad it-talbiet; bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------